QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE

Illum it-Tnejn 3 ta' Frar 2025

Rikors Ġuramentat Nru: 644/2024 AF

Fl-Atti tal-Kawża Nru. 106/2018 AF
Wara l-Mandat ta' Qbid Nru 414/24 MH

Auberge (San Anton) Limited

vs

Maha International Company Limited

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maha International Company Limited li permezz tiegħu, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti ntalbet tordna t-tħassir tal-mandat ta' qbid 414/24.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Auberge (San Anton) Limited li permezz tagħha, għar-raġunijiet mogħtija, l-istess soċjeta` ssottomettiet li t-talba kellha tiġi miċħuda.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat l-Art. 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li r-rikors tħallas sabiex jiġi degretat in camera.

Qieset illi l-mandat de quo intalab minn Auberge (San Anton) Limited sabiex din tikkawtela pretensjoni tagħha kif dedotta b'kawża 106/2018 li permezz tagħha Auberge San Anton Limited talbet lil din il-Qorti (kif presjeduta) tiddikjara li persuna li rċeviet ħlas u ħarġet riċevuta ta' ħlas għan-nom tagħha ma kinitx fil-fatt awtorizzata tagħmel dan. Ma kien hemm ebda talba oħra għajr għall-ispejjeż.

Il-kawża li ġiet deċiża fit-8 ta' Jannar 2025, laqgħet it-talbiet ta' Auberge San Anton Limited bl-ispejjeż kontra Maha International Co. Limited.

Maha International ġiet ikkundannata biex tħallas l-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li l-ammont maqbud bil-mandat de quo huwa ta' aktar minn ħmistax-il elf Euro (€15,000).

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talba għat-tħassir tal-mandat de quo m'hijiex ġustifikata, madanakollu hija ġustifikata t-talba skond il-fuq ċitat subartikolu (f) fis-sens illi mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ għall-ammont imsemmi iżda għandu jitnaqqas għall-ammont ta' elf Euro (€1,000). Il-Qorti ma tqisx ġustifikata t-talba għall-ħlas ta' penali stante li ma nġabu lil din il-Qorti ebda provi fir-rigward.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-talba għat-tħassir tal-mandat, tordna li l-ammont kolpit bih għandu jitnaqqas għal elf Euro (€1,000).

Fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur